# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290    Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt    Web Page : www.lc.gov.mt


Minuti ta' laqgħa numru sebgħa u tletin (37), tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-20 ta' Awissu, 2009, fis-6:00pm, fil-Bini Amministrattiv ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |
| | | |
| | Paul Busuttil | President Każin San Pawl |
| | Stefano Cassar | Segretarju Każin San Pawl |
| | Paul Schembri | Delegat tan-Nar Każin San Pawl |
| | Carlos Cordina | Spettur Għassa taż-Żurrieq |
| | Dr Charmaine Cherret LLD., | Avukat tal-Kunsill |

1. Parti mill-laqgħa tal-KLĦS kienet iddedikata għall-bżonnijiet li jkun hemm fil-**festa ta' San Pawl Ħal Safi.** Il-Kumitat tal-Każin Banda San Pawl, kienu formalment mistiedna biex jiddiskutu magħna fil-preżenza ta' l-Ispettur tad-Distrett is-Sur Carlos Cordina stazzjonat fl-Għassa Zurrieq. Parti oħra minn din il-laqgħa kienet iddedikata dwar il-**każ ta' Jason Cutajar**, u għalhekk ġiet mistiedna wkoll l-avukat Dr Cherret LL.D.

2. Is-Sindku, **Pietru Pawl Busuttil, ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

**L-EWWEL PARTI**

3. Il-laqgħa bdiet billi **l-Kunsill stieden lir-rappreżentanti Banda San Pawl** sabiex jelaboraw aktar dwar dak li xtaqu fl-ittra tas-17 ta' Awwissu, 2009.

4. Dwar **għeluq ta' toroq fir-raħal**, intqal illi propju llum saru l-arranġamenti biex tħawwlu mill-Koptasin bażijiet tal-*bollards,* (tnax b'kollox fuq *span* ta' sittin pied wisa'; sitta kull naħa) ħalli jagħlqu Triq il-Kuċċard, fejn huwa l-qofol tan-nar kemm ta' l-art kif ukoll minn fejn il-viżitaturi jaraw dak ta' l-ajru. Dwar il-barikati tal-pulizija, l-KLĦS talab tletin. Għoxrin minnhom jinsabu diġa' f'Ħal Safi u jonqos jinġiebu għaxra oħra. Dawn il-barikati huma mistennija li jgħinu fiż-żamma ta' l-ordni biex jingħalqu toroq mit-traffiku fost il-ġimgħa meta jkun hawn il-marċi fit-toroq. Pietru Pawl Busuttil ta kopja taċ-ċwievet tal-katnazzi tal-*bollards* li normalment jitwaħħlu fil-festa fil-Misraħ, Triq iż-Żurrieq u fi Triq San Pawl, lill-Każin San Pawl kif ukoll lill-Ispettur Cordina ħalli f'każ ta' xi emerġenza dawn jinfetħu u jkun provdut aċċess fl-inqas ħin possibbli. Hemm imħejjija notifiki fuq dawn il-*bollards* li juru in-numri tat-telefon tas-Sindku u tal-entitatjiet l-oħra li se jkollhom fil-pussess tagħhom l-imfietaħ. L-importanza ta'

dawn il-*bollards* hija biex jiddevjaw it-traffiku miċ-ċentru ta' Ħal Safi fi żmien il-festa.

5. Dwar **parkeġġ li ser ikun abolit** minn xi toroq fi ġranet speċifiċi, l-KLĦS qed jieħu ħsieb li jwaħħal notifiki mal-ħitan biex juri l-postijiet li fihom m'għandhomx jipparkjaw dawn il-vetturi. Infatti se jitwaħħlu notifiki oħra fi Triq il-Kuċċard biex javżaw lill-pubbliku sabiex imur jiddepożita l-**iskart separat** tiegħu fil-*bring-in-site* fi Triq ta' Ġawhar, flok f'dik fi Triq il-Kuċċard, peress li dawn għandhom temporanjament jitneħħew minħabba l-biża li jaqbdu bl-iskart b'kollox peress li se jinħaraq in-nar viċin. Dwar is-sospenzjoni ta' użu tal-*bring in sites*, bejn it-24 u l-31 ta' Awissu, 2009, se nikkomunikaw kemm ma' *Wasterve Malta Ltd* kif ukoll ma' *Sterling Security* sabiex jissospendu wkoll l-issorveljar tas-CCTV camera. Se jkun hemm ukoll komunikat ma' Chris Ellul dwar *wire* li hemm bżonn jitwarrab minn nofs. F'din it-triq ukoll se ssir insistenza mill-KLĦS sabiex jitneħħew diversi karrijiet (*trailers*) ipparkjati fit-triq.

6. Kien hemm dibattitu wkoll dwar liema hu l-aktar post addattat biex fil-ġimgħa tal-festa nintroduċu ***bin/s-on-wheel/s***. Is-Sindku qal li dan/dawn se jitbattal/jitbattlu kull jum minħabba l-irwejjaħ.

7. Kienu diskussi wkoll il-**permessi tas-siġġijiet u l-imwejjed** barra, li każin/stabbiliment jista' jitlob li jpoġġi fuq art pubblika sabiex jikkreja aktar spazju għal min ikun irid joqgħod ftit għal frisk fil-ġranet tal-festa u fl-istess ħin ikun iġġenerat aktar kummerċ. Dwar dan is-servizz, intqal li l-Każin San Pawl se jkollu l-*litter bins* tiegħu sabiex ma jintefgħax skart fit-triq. Aktar tard tul is-seduta, issemma' li propju llum l-istess Każin San Pawl organizzaw *Pasta Night* fil-Pjazza u li għada se tkun organizzata Lejla Maltija. Il-viċi Sindku tard fis-seduta qal li fl-ideja tiegħu ir-raħal qed jingħalaq pjuttost aktar kmieni milli jkun hemm bżonn għat-traffiku, meta dan l-inkonvenjent jista' jiġi evitat ħalli jqajjem l-inqas problema lir-residenti tagħna stess. Hu sostna li m'għandniex nagħmlu bħal irħula oħra li naraw biss il-punt ta' l-organizzaturi, iżda billi nagħtu każ ta' kollox.

8. Dwar tindif ta' toroq, il-**KLĦS se jitlob li jitnaddfu il-Ħadd fil-għodu** wara l-lejla maltija li se tkun organizzata is-Sibt bil-lejl. Dan minbarra t-tindif normali li ssoltu jsir matul il-ġranet normali tas-sena.

9. Il-Każin San Pawl talab l-**assistenza mill-pulizija** għad-delegati tan-nar, nhar id-29 ta' Awwissu, 2009, fil-għodu mis-6:00am, lejlet il-festa, meta jkunu qed jintramaw ir-roti tal-ġigifogu. Hawn sar suġġeriment sabiex il-pulizija li jkun normalment fl-għassa ta' Ħal Safi, jmur fi Triq il-Kuċċard fejn ikun qed isiru dawn ix-xogħolijiet. L-Ispettur staqsa jekk il-Każin hux lest li jħallas għal dan il-pulizija, jekk ma jkun hawn ħadd assenjat fl-għassa dak in-nhar. Dwar dan, il-KLĦS hu tal-fehma illi fil-festa għandu jkun hawn pulizija mhux biss fil-għodu, iżda wkoll biex meta fil-għaxija jispiċċaw il-marċi jkun hawn aktar sorveljanza minnhom bejn il-11:00pm u s-2:00am tal-ġurnata ta' wara. Din it-talba saret mill-

Każin San Pawl, peress li fil-passat jidher li f'dawn il-ħinijiet, wieħed ikollu grokk żejjed u jista' jinqala' xi nkwiet. Assistenza oħra ta' Pulizija li ntalbet mill-Każin San Pawl, hija meta jkun qed jinġarr in-nar tal-festa. Dwar dan, l-Ispettur qal li hemm Pulizija apposta u kemm wieħed iċempel lilu jew lill-Ispettur sabiex isir dan it-trasport kif tistipula l-liġi. Il-ħinijiet u meta se jinġarr dan in-nar, jidhru fuq il-permessi tal-pulizija.

10. Sar aċċenn għal **sewqan perikoluż fil-pjazza**, kif ukoll dwar parkeġġ illegali li jsir mhux propju fil-*parking bays*, bħallikieku wieħed ikun qed jisfida u jipparkja hekk, mhux għax m'hemmx fejn tipparkja, iżda bi ksuħat. Dwar dawn il-kontrolli, il-kunsillieri kif ukoll is-Segretarju tal-Każin San Pawl ġibdu l-attenzjoni tal-Ispettur kif ukoll sabiex il-pulizija li jkun hawn fl-għassa jmur fil-*playing field* ħalli jwissi lil dawk li jkunu iduru hemm ġew bir-roti, u 'l dawk li jħallu fliexken tal-ħġieġ mitluqa ma kullimkien.

11. Dwar dawk hekk imsejħa **tax-xalata,** intqal li issa lħaqna l-quċċata tal-ħmerijiet li qed isiru minn dawn il-persuni irresponsabbli li jispiċċaw jgħaddu minn villaġġi oħra jitgħajru u jdoqqu l-ħornijiet wara li tinżel ix-xemx u saħansitra jgaraw affarijiet moqżieża mil-vetturi, lejn ir-residenti. Dan intqal fil-konfront ta' dawk li jkunu qed jiċċelebraw il-festi ta' Ħal Kirkop, iż-Żurrieq kif ukoll ta' Ħal Safi stess. Iżda l-akbar preokkupazzjoni tal-KLĦS hija għal dawk li qed imorru kontra l-*one way* fi Triq iż-Żurrieq. Infatti kien hemm suġġeriment biex il-forza ta' l-ordni toqgħod fi Triq Bronja u tiddevja t-traffiku 'l isfel nhar it-Tnejn, 24 t'Awwissu l-għada tal-festa ta' San Anard ta' Ħal Kirkop.

12. Dwar spustjar ta' **barikati** biex jingħalqu t-toroq, intqal li Triq l-Iskola suppost tkun magħluqa fl-aħħar tridu, lejlet u nhar il-festa. Is-sena l-oħra spiċċaw żewġ kunsillieri jġorru l-istess barikati biex ingħalqet it-triq. F'dan il-punt intqal ukoll illi bħala Kunsill għandna tabelli mwaħħlin fil-bramel mimlija bil-konkos biex jassistu fiż-żamma ta' l-ordni billi jkun abolit il-parkeġġ f'ċerti toroq, ġranet u ħinijiet.

13. Fi tmiem il-laqgħa dwar il-festa, issemma inċident minn Jimmy Busuttil li seħħ is-sena l-oħra fejn k**ien inqala argument**. Filwaqt li hu qal li kien talab l-assistenza tal-pulizija verbalment lill-kuntistabbli li kienu preżenti viċin, l-Ispettur qal illi f'mumenti delikati bħal dawn, mhux la kemm jinkixef is-sors li jkun ta l-informazzjoni għaliex tista' ddur fuq dak li jkun ta l-informazzjoni intortament.

**IT-TIENI PARTI**

14. L-avukat Cherret qalet illi l-bieraħ, kellmet lill-Dr Roberto Montalto li ma kienx għad kellu risposta dwar x'kien se jagħmel il-klijent tiegħu Jason Cutajar. Iżda llum hija reġgħet kellmitu u dan qalilha illi hemm bażi soda għal ftehim u Cutajar lest li jħallas mill-ewwel il-50% tal-**fondi misapproprijati** li għad fadlilhom jidħlu fil-KLĦS billi jsir il-kuntratt insinwat għand in-nutar. Il-kumplament jitħallsu fix-xahar. Dwar l-ispejjeż professjonali, ta' l-investigatur, u dawk legali, kemm ta' l-avukat, kif ukoll tan-nutar, Dr Cherret qalet illi ma nistgħux

ninkluduhom ma' l-ammont tas-somma (ammont ġie konfermata matul il-laqgħa) li se nitolbuh iħallas, iżda dawn għandhom ikunu mitluba separatament. Intant il-KLĦS qabel unanimament illi n-nutar għandha tkun Dr Mary Camilleri Cutajar li toqgħod Triq il-Menqa, Safi. Dan il-ftehim irid ikun b'ipoteka, insinwat u jiddaħħlu l-interessi wkoll (proposti mis-Sindku ta' 4% flok 8%) fuq perjodu ta' sentejn. Dak il-ħin stess is-Sindku iffissa appuntament għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2009, fl-uffiċċju ta' Dr Camilleri Cutajar biex jiltaqgħu dawk kollha involuti inkluż il-mara ta' Jason Cutajar ħalli jkun iffirmat il-kuntratt għal ħabta tas-2.00pm.

15. Dwar il-**proposta li kienet saret fl-Uffiċċju ta' Dr Montalto** biex Jason Cutajar jerġa' jidħol fil-Muniċipju jikkonferma l-ammonti misapproprijati ta' l-investigatur (minuti ta' din il-laqgħa meħuda mis-DSE wkoll iċċirkulati lill-kunsillieri), mhux biss il-KLĦS kien kontra, iżda wkoll l-Ispettur Cilia li għandu l-każ tal-Pulizija f'idejh kif ukoll l-Investigatur. Dan qalu s-Sindku li kellem lil dawn it-tnejn dwar il-proposta li kienet saritilna. Skond l-Investigatur, Hector Spiteri, Jason Cutajar jekk għandu xi dubji minn dak li nstab, għandu jikkontesta fil-Qrati ta' Malta.

16. Fi tmiem il-viżita ta' Dr Cherret tressaq każ ieħor ta' **ammonti pendenti f'xogħlijiet mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet sa minn 2001.** Dawn l-ammonti issa għaddew sentenza għaliex għadda ż-żmien u jridu jitħallsu. F'dan il-waqt intqal illi anke jekk ridna nikkontestawhom, ma kien hemm l-ebda bażi li se nirkupraw dawn id-€9,000 għal xogħol li ħafna minnu sar fl-2001, barra mill-Ġnien ta' Ball (li eventwalment skedatu dan ix-xahar il-MEPA għall-importanza storika tiegħu) għaliex bil-miktub, ma kien hemm xejn li dawn l-ammonti se jiġu 'waived' minn xi ministeru. Fil-fatt l-akbar ammonti jmorru fuq bankini fid-dħul tal-ġnien.

17. Se tintbgħat il-*Purchase Order* biex jibda' x-xogħol fuq ir-restawr tan-**niċċa ta' San Ġużepp**, lil Frank Chetcuti.

18. Se tintbgħat l-ittra li ġiet ippreparata sa minn Ġunju lil dawk li xtaqu li **jitwaqqaf *Club* tal-Futbol**, biex jinvolvu ruħhom il-persuni li pproponewh.

19. Se jsir *draft* tal-**kwestjonarju** li se jitqassam lil dawk kollha li jagħmlu użu tal-librerija pubblika ta' Ħal Safi ħalli naraw x'inhuma x-xewqat tan-nies f'dawk li huma ħtiġijiet fil-librerija, inkluż il-kotba li hemm bżonn jinxtraw.

20. Id-DSE tkellem mad-Direttur Gvern Lokali u dan qallu illi jekk ***hoarding wall*** ikun aktar 'il barra mill-linja tal-bini, għandu jitħallas il-permess ta' okkupazzjoni ta' art lill-Kunsill skond il-liġi. Il-ħajt imsemmi kemm-il darba fil-laqgħat tal-KLĦS fi Triq tar-Rqajja kantuniera ma Trejqet Tarsu, intqal illi ilu hemm sa' minn April 2008. Għal dan il-għan għandu jittieħed il-kejl sabiex fuqu jkun ibbażat il-kont, għaliex dan il-permess hu bbażat fuq il-metraġġ. Dwar dan is-sit intqal illi biex twaqqgħet din id-dar hekk b'karattru, kien hemm bżonn li dan il-

permess quddiem il-MEPA jiġi għall-attenzjoni tal-Kunsill bħalma kien ġie quddiem il-Kunsill il-permess tal-manifattura ta' l-isplussiv (anfo) ftit tax-xhur ilu. Xi kunsillieri qablu dwar dan għaliex jidher li bit-twaqqieħ ta' din l-istruttura, issa intilfet parti minn Ħal Safi.

21. Il-KLĦS mhux se jżomm bookings għall-***ground*** **sintetiku** nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2009, għaliex dak in-nhar se jgħaddi l-marċ akkumpanjat mill-istatwa ta' San Pawl fuq iż-żiemel minn Triq il-Menqa.

22. Dwar **trakk ipparkjat fi Triq iż-Żurrieq** quddiem post li qiegħed fil-fażi ta' rikostruzzjoni, li inġibdet l-attenzjoni dwaru minn individwu, Pietru Pawl Busuttil qal li l-Pulizija kellmu lis-sid sabiex dan jitneħħa. Sfortunatament iżda, jidher li taħtu kien hemm għadira żejt li ċapset it-triq.

23. Se ssir ordni għall-***Uninterrupted Power Supply*** minn għand is-*C-Tronics* ta' Blu Grotto Avenue, Zurrieq skond kif kien deċiż fis-seduta preċedenti fuq l-istima li kien tagħna.

24. Se jsir appuntament sabiex il-KLĦS jiltaqa' mal-Grand Prior of the Maltese Islands, Chev Joe Meli Attard, Military and Hospitalier Order of St Lazarus of Jerusalem – Malta, biex jiddiskuti miegħu dwar is-siti storiċi cioe' s-***signage*** **li se jagħmel il-Kunsill ma' siti storiċi** fuq proposta ta' eks Viċi Sindku Alexis Callus, għal laqgħa oħra bħal lum ħmistax fl-istess ħin. Intant kellna l-proposta tal-*heritage trial* kif fassal l-abbozz tagħha Paul Callus, wara l-laqgħa li kellna miegħu.

25. Dwar il-**Fond għat-Titjib Urban**, issa l-fondi li kien hemm daru fuq il-Kunsill sabiex iwettaq il-proġett ta' Misraħ San Ġużepp. Infatti dan il-fond reġa' beda jakkumula minn €0 fi ħdan il-MEPA.

26. Proposta li saritilna kienet biex inwasslu l-kelma illi mit-8 sal-15 ta' Settembru, 2009, il-Ministeru tat-Turiżmu qed iħeġġeġ lill-pubbliku li għandu **arblu fuq il-bejt** sabiex dan itella' l-bandiera. Din l-attivita' nazzjonali hija oħra mill-inizjattivi sabiex l-irħula (din id-darba ta' Malta kollha) jilbsu l-libsa tal-festa.

27. Dwar **Triq ġdida fi Triq il-Kuċċard,** propju fejn qed isir żvilupp fil-kostruzzjoni, is-Sindku qal li huwa nfurmat li għada se **tinkesa bit-tarmac** parti minn din it-triq. Aktar tard reġgħet issemmiet din it-triq għaliex xi ħadd bil-kabbana tal-ġelat kien mar jarma' hemm. Hawn Francis Callus qal li sakemm dak li jkun ikollu n-nies imdawwrin madwaru, ħadd ma jista' jwaqqaf ***street hawker*** (fuq ir-roti) milli jbiegħ mit-triq sakemm ikun ċertu distanza bogħod minn ħwienet oħra.

28. Is-Sindku semma' l-bżonn li jinkesa' jekk mhux kollu parti mill-**isqaq qalb ir-raba fil-Karwija**. Dwar dan l-isqaq twil u dejjaq, jidher li issa tqaxxar parti minnu fejn kien iżomm l-ilma u bidwi aċċetta li jieħu l-ilma kollu hu bil-KLĦS jiffinanzja pompa ta' l-ilma taż-żewġ pulzieri għal dan l-iskop. Is-Sindku

iddeskriva kif diġa' beda x-xogħol ta' tneħħija ta' materjal żejjed (madwar filata) minn dan is-sit. Għalhekk f'dan l-isqaq issa hemm bżonn li jew jinkesa' jew isir *patching* bil-cold asphalt li hu maħsub li jiswielna madwar €2,300. Peress li fl-ideja tas-Sindku din se nippaċċjawha għal mument, fuq bażi xejn soda, hu jaħseb li dan għandu jsir bil-paver bil-*Hot Rolled Asphalt.* Intant, hu fakkar fl-istima ta' Lm18,000 ridotta għal Lm15,000 biex isir il-kisi ta' dan l-isqaq kollu maħduma minn Polidano Bros u kompla jgħid li hemm ċans li nilħqu ftehim li, lill-istess Polidano, nagħtuhomlu parti tal-ħlas kull xahar. Hawn Francis Callus ippropona li terġa' tinħadem l-istima pero' bil-konkos C30 u jekk jintlaħaq il-ftehim ta' pagamenti fix-xahar, jsir ftehim bil-miktub. Eddie Bonello fakkar li konna ftehmna li nagħmlu biss parti minn dan l-isqaq skond il-minuti tas-seduta' preċedenti ta' dan il-Kunsill. Għal dan il-għan l-ewwel se naraw li nieħdu l-istima bil-konkos u niddiskutuha wara.

29. Publius Abdilla ġibed l-attenzjoni illi xi **fanali bil-globi quddiem il-Każin San Pawl** mhux qed jixhel kif fil-fatt mhux qed jixhel **dak quddiem il-Kappella ta' Sta Marija.** Francis Callus irrapporta wkoll **lampa** mhix tixhel quddiem Benny Falzon fi **Triq il-Kuċċard** u kien irrappurtat li inqalgħet lanterna quddiem ir-razzett tas-Sindku.

30. Għal proposta biex **jinħasel iz-zuntier tal-Knisja** nhar l-Erbgħa li ġejjin, li ssemmiet minn Jimmy Busuttil, se nagħtu pri-avviż lill-Kappillan u l-KLĦS approva din l-ispiża.

31. Proposta biex isir naqra ta' festin fl-okkażjoni tal-**Festa ta' San Pawl** għall-anzjani tad-*Day Centre,* kienet diskussa. Għal dan il-għan kien approvat €8.15 għal kull membru u l-ispiża tinqasam mal-*managment* tad-*Day Centre* nofs bin-nofs. Kien hemm diskussjoni dwar jekk għandniex nestenduha għal kulħadd peress li dak in-nhar se jkun hawn Quddiesa u ovvjament se jkunu jistgħu jiġu anzjani oħra. Il-KLĦS ma qabilx dwar din ta' l-aħħar, għaliex tista' tkun inġusta għall-membri lejali tagħna.

32. Donnu misterjożament reġgħu twaħħlu l-istess **ħames litter bins li kienu inqalgħu minn fejn l-iskola**. Il-KLĦS filwaqt li se jaqlagħhom, se jistaqsi lill-ħaddiema tagħna jekk waħħluhomx huma, fuq liema istruzzjonijiet, u fejn kienu tpoġġew wara li nqalgħu.

33. Peress li il-**ġeneraturi tas-sidien tal-kabbani** tal-festa qed ikunu ta' nkonvenjent, dawn ma jistax ikun li jkunu tollerati aktar. Il-KLĦS qed jaħseb biex dawn il-kabbani jkunu spustjati għal toroq oħra u għalhekk xahrejn qabel il-festa tas-sena d-dieħla, se jinħareġ avviż fil-gazzetta tal-gvern ħalli nkunu konformi mal-liġi, qabel ma nibdlulhom il-postjiet.

34. Is-Sindku nforma lill-kunsilieri illi SR Handaq Ltd, ġabilna ***road marking paint*** ta' kwalita' aktar superjuri minn dik li kienet qed tintuża fil-passat. Jidher li din iż-żebgħa hija aktar grassa u ppruvajna xi postijiet ħalli naraw kemm isservi fit-

tul. Kien hemm proposta biex terġa' tiġi miżbugħa iż-*zebra crossing* ta' fejn joqgħod il-kunsillier Jimmy Busuttil biex naraw kemm verament hija tajba din iż-żebgħa.

35. Publius Abdilla qal li reġa' qed jitħalla ħafna **skart fid-*Drive In*** fejn l-appartamenti ta' l-Aħmar u hemm ħafna garr mill-pubbliku u nuqqas ta' iġjene. Jimmy Busuttil qal li issa hawn inqabeż kull limitu u jipproponi biex il-KLĦS jqabbad gwardjan ħalli jippenalizza lil min qed jabbuża. Proposta oħra kienet, li niktbu lill-sid il-post biex iġiegħel lill-inkwilini jżommu nadif, fil-waqt li nċemplu lis-sanita' dwar dan l-abbuż.

36. Fl-**agenda tas-seduta li jmiss** kien propost biex niddiskutu dwar il-***heritage trail***, u se nitolbu lill-BOV sabiex jisponsorjalna Mappa ta' Ħal Safi għall-użu tal-pubbliku biex nattiraw interess f'siti mportanti u postijiet oħra li joffru servizzi utli. Intant se naraw x'rispons hemm mill-HSBC dwar il-***Merħba Sign*** li kienet vandalizzata fi Triq San Ġwann.

37. Se nsibu ġurnata fejn fiha kemm is-Sur Dalmas mill-MIA kif ukoll il-Perit Musumeci jkunu jistgħu jiltaqgħu sabiex naħdmu fuq il-proposta ta' **tneħħija ta' ilma tax-xita minn Triq tal-Karwija** billi jiġi utilizzat mill-bdiewa.

38. Dwar ksur ta' liġi minn vetturi li jidħlu kontra l-one way, Eddie Bonello issuġġerixxa li **titwaħħal cctv camera fi Triq iż-Żurrieq**.

39. Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 27 b'żieda ta' €4660 biex imur bħala pagament lill-Busuttil & Micallef għal xogħol ta' nvestigazjoni li wettqu.

40. Il-laqgħa ntemmet fid-21:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum /9/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku